MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 438/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Mario Camenzuli**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-30 ta’ Settembru, 2010 u fix-xhur ta’ qabel gewwa garaxx bin-numru: 32, Triq it-Tabib Chetcuti, Mosta:

Ghamel xi haga minghajr il-licenzja ta’ awtroita kompetenti, meta din il-licenjza kienet mehtiega mill-ligi jew minn regolament meta hadem ta’ ‘Auto Electrician’ go l-garaxx imsemmi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Ottubru, 2011 fejn il-Qorti, Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 10(1), 17, 18 u 19 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 2, 4, 5

u 53 tal-Avviz Legali 1/2006 sabet lill imputat hati u kkunannatu ghal multa ta' elf ewro (€1000).

Rat ir-rikors tal-appellant pprezentat fit-28 ta' Ottubru, 2011 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka is-sentenza appellate inkwantu sabet lill-esponent hat ital-akkuzi migjuba kontra tieghu u tilliberah minflok minn kull imputazzjoni u htija; u f' kull kaz u b'mod sussidjarju f'kaz li tikkonferma l-htija, tirriforma s-sentenza billi tnaqqas il-piena nflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Hadd ma xehed li ra lill-esponent jahdem. Il-hin ma kiex wiehed tax-xoghol u lanqas ma ntqal li l-esponent kien qieghed jaghmel xi attivita` ta' xoghol.

Bir-rispett dovut lejn l-ewwel qorti u l-konkluzzjonijiet taghha, il-prosekuzzjoni naqset bl-aktar mod car li tipprova l-akkuza kontra l-esponent fil-grad u bil-mod kif trid il-ligi.

L-esponent jaghmel riferenza gahs-segwenti principji ben noti fil-proceduri kriminali:

- *'Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt'. Min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-prezunsjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista` tibbazza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta` gara dak li gie rrakuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.*

*Dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk*

*il-Qorti hija obbligata li tillibera'* (Ir-Reppublika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina: App. Krim. Sup. 24.4.2003).

- *'Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min irid jipprova xi haga, hagnu jressaq l-ahjar prova, u dan jista` biss jaqa` fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli.'* (Ir-Reppublika ta' Malta vs George Spiteri: App. Krim. Sup. 05.7.2002).

L-esponent ghazel li ma jixhidx propju ghaliex il-prosekuzjoni ma ghamlitx il-prova kif trid il-ligi. Il-prosekuzjoni naqset li tipprova r-reat u l-elementi tieghu, u naqset ukoll li tipprova l-fatti kif allegati minnha. Is-suspetti jew aghar minn hekk, il-pregudizzji ta' zewg girien partikolari (kienu x'kienu l-mottivi taghhom) ma jistghux jaghmlu tajjeb ghan-nuqqas ta' provi oggettivi.

Hadd mix-xhieda prodotti mill-prosekuzjoni ma xehed li ra lill-esponent jaghmel xi xoghol ta' auto electrician fil-fond 32, Triq it-Tabib Chetcuti, Mosta. Il-fatt li xi hadd halla l-karozza fit-triq u xi xhud qal li sema` lill-imputat jghid li ser jehodlu hsieb hu, ma jwassalx ghall-prova oggettiva li fid-data in kwistjoni dan ghamel xoghol ta' auto electrician fil-fond indikat fl-akkuza. Ghalhekk il-Qorti ma kellhiex provi cari u inekwivoci dwar l-akkuzi fil-konfornt tal-imputat appellant. Hija ghalhekk kellha tillibera lill-esponent minn kull imputazzjoni u htija.

Inoltre tenut kont ta' dawn il-fatti u l-ekwivocita` tal-provi, il-piena inflitta hija fiha nnifsiha ezagerata. Ma tirrizulta ebeda raguni mill-atti ghaliex il-Qorti kellha tikkundanna lill-esponent kwazi ghall-piena massima li tigi ghaxar darbiet aktar mill-minimu.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat.

L-ewwelnett din il-Qorti ma tiddisturbax id-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti sakemm din tkun waħda li l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet tasal għaliha legalment u raġonevolment.

It-tieni din il-Qorti semgħet lix-xhud li tellgħet il-Prosekuzzjoni kif ukoll rat id-dokumenti l-oħra li jinsabu fil-proċess.

**Ix-xhieda ta' David Fenech**

Ix-xhud kien ċertu David Fenech li xehed li kien jaf lill-appellant. Huwa qal li kien ilu joqgħod snin twal il-Mosta u li jsewwi l-karozza għand l-appellant. Ix-xhud għandu karozza Ford Orien li kellha l-ħsara u huwa għaddieha lill-appellant għat-tiswija. Huwa kien ħa l-karozza f'xi ħin wara nofs in-nhar. Huwa kkonferma li l-kopja tar-riċevuta li tidher a fol 15 kienet maħruġa lilu (ukoll jekk il-karozza tiegħu hija Ford Orion u mhux Escort).. Din għandha d-data tal-1 t'Ottubru 2010 u fiha dawn id-dettalji: Escort P Horn Push Repairs – General Electric Repairs. L-indirizz (għall-finijiet tal-VAT huwa Mario Camenzuli, Mario's Auto Electrical, Triq in-Naġġar, Mosta MST 05.)

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li huwa kien mar għall-karozza l-għada jew forsi jumejn wara.

**Il-current incident report**

Fil-proċess hemm ukoll il-current incident report (a fol 2) fejn kien sar rapport minn Anthony Turner. Dan huwa wieħed mir-residenti li joqgħod fi Triq it-Tabib Chetcuti, il-Mosta faċċata tal-garage bin-numru 32 fi Triq it-Tabib Chetcuit, Mosta. Huwa kien qal li għal darb oħra fost diversi rapporti oħra li l-kwerelant kien għamel mal – pulizija kien innota li nhar it-30 ta' Settembru 20110 għall-ħabta tas-19.30 l-istess Mario Camenzuli kien daħħal vettura oħra bin-numru tar-reġsitrazzjoni DAE 368 ta' kulur beige u għamla Ford Orion sabiex jaħdem fuqha.

Fl-istess current incident report hemm imniżżel li David Fenech kien ħa l-karozza tiegħu DAE 368 għat-tiswija għand l-appellant li jagħmilha ta' auto electrician ġewwa Triq it-Tabib Chetcuti, Mosta. Dan kien ħallsu l-għada għas-somma ta' 40 Euro. Huwa stqarr ukoll li din mhux l-ewwel darba li huwa kien ħa l-vettura tiegħu għand l-appellant.

**Dokumenti**

Rat ukoll id-dokument KC 1 a fol 6 li huwa Licence Full Detail Print skont l-24 ta' Jannar 2011. Fost id-dettlaji jidher l-isem tal-appellant u l-indirizz St Anna, Triq it-Tabib Chetcuti, Mosta. Bħala kategorija, ix-xogħol liċenzja jaqa' taħt Old Trade licences what li bħala tip hemm indikat dan li ġej: Motor vehicle repairs, psrayers, workshop, garage. Il-Business address (a fol 2) jidher 'Mario Electrician, Triq in-Naġġar, Mosta.

Fil-file hemm ukoll dokument ATI li fih erba' ritratti pppreżentati mis-Sur Anthony Turner liema ritratti ittieħdu fit-30 ta' Settembru 2010 li juru karrozza qed tiddaħħal f'garage.

**Sottomissjonijiet tad-Difiża u tal-Prosekuzzjoni**

Id-difiża ssottomettiet li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova r-reat u l-elementi tiegħu kif ukoll il-fatti allegati minnha. Id-difiża qalet ukoll l-irċevuta tirreferi għal garage fi Triq in-Naġġar. Effettivament, x-xhud ħalla l-karozza barra l-bieb tad-dar. L-appellant huwa liċenzjat biex jagħmel ix-xogħol ta' electrical diagnostics.

Il-Prosekuzzjoni rreferiet għall-current incident report u għal dak li xehed David Fenech.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-current incident report huwa ġeneralment prova li jkun intqal ċertu kliem iżda mhux prova tal-fatti li jkunu seħħew. Huwa jitqies bħala hearsay evidence. **Il-hearsay**

**evidence m'għandhiex valur probatorju fiha nnifisha iżda tista' tintuża biex tikkorobora fatti oħra.**

Min-naħa l-oħra l-fatt li lVAT receipt turi l-indirizz bħala 'Triq in-Naġġar, Mosta' ma jfissirx li ma sarx xogħol f'numru 32 Triq it-Tabib Chetcuti, Mosta.

Filfatt jirriżulta mid-dettalji dwar il-liċenzja li waqt li l-licencee name and address huma indikati bħala 'Sant'Anna' Triq it-Tabib Chetcuti, Mosta, il-business address huwa Triq in-Naġġar.

Minn dak li xehed David Fenech jirriżulta li l-appellant għamel xi horn repairs fuq il-karozza Ford Orien. Dan huwa korroborat a fol 4 minn dak li qal David Fenech stess lill-Pulizija fejn huwa indika l-istess data li tidher fiċ-ċitazzjoni, in-numru tal-karozza DAE 368 u li l-post fejn kien ħa l-karozza kien ġewwa Triq it-Tabib Chetcuti.

Minn dawn il-provi, il-Qorti qed tikkonkludi li l-appellant għandu l-business address tiegħu ġewwa Triq in-Naġġar il-Mosta iżda li hu għamel xogħol ta' tiswija lil David Fenech ġewwa Triq it-Tabib Chetcuti fid-data indikata fiċ-ċitazzjoni. Skont il-liċenzja li għandu, din għandha tkun eżerċitata fi Tri in-Naġġar u mhux fi Triq it-Tabib Chetcuti. It-tip ta' liċenzja hija għal motor vehicle repairs, sprayers, worshop, garage. It-tip ta' xogħol li għamel jinħtieġ liċenzja għalih. L-appellant ma jidhirx li għandu din il-liċenzja.

Fil-fehma tal-Qorti, l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha raġonevolment u legalment. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-aggravju tal-appellant.

Sussidjarjament l-appellant talab lill-Qorti tnaqqas il-piena inflitta. Dwar din it-talba l-Qorti qieset (a) dak li jgħid l-artikolu 18(1)(a) tal-Kap 441 (multa ta' bejn €116.47 u €1164.65); u (b) il-fedina penali tal-appellant li turi li diġa' kellu seba' kundanni oħra tal-istess xorta jew kważi.. Għalhekk ftit hemm x'wieħed jgħid dwar il-piena nflitta

mill-Maġistrat li waħda hija ekwa u ġusta. L-appellant diġa' ingħata ċansijiet oħra u għalhekk il-Qorti mhix tara raġuni għala l-piena għandha tkun reformata.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fit-18 t'Ottubru 2011 fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------